**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**(Spettur Alfredo Mangion)**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Dennis Cremona**

**Illum 29 ta′ Settembru, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Dennis Cremona, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 365475M billi huwa akkuzat talli b′diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b′rizoluzzjoni wahda u cioe` talli:

1. Nhar l-04 ta′ Gunju 2019 bejn is-02:30 ta′ filghodu u s-02:35 ta′ filghodu minn gewwa Francis Service Station, Triq Haz-Zabbar, Fgura ikkometta serq ta′ flus kontanti, liema serq ma jeccedix is-somma ta′ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), liema

serq huwa kkwalifikat bil-'valur', bil-'mezz' u bil-'hin', ghad-dannu ta' Joseph Azzopardi u/jew persuni ohra.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara gewwa Francis Service Station, Triq Haz-Zabbar, Fgura liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (250).

3. Nhar is-06 ta' Gunju 2019 bejn is-02:10 ta' filghodu u s-02:35 ta' filghodu minn gewwa Jame Ltd Service Station, Triq Bir id-Deheb, Zejtun ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur', bil-'mezz' u bil-'hin', ghad-dannu ta' Joseph Azzopardi u/jew persuni ohra.

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara gewwa Jame Ltd Service Station, Triq Bir id-Deheb, Zejtun liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (250).

5. Nhar it-08 ta' Gunju 2019 bejn is-02:30 ta' filghodu u l-04:00 ta' filghodu minn gewwa McQueens Service Station, Triq Burmarrad, San Pawl il-

Bahar ikkometta serq ta' flus kontanti, liema ammont jeccedi s-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur', bil-'mezz' u bil-'hin', ghad-dannu ta' John Cassingena u/jew persuni ohra.

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara gewwa McQueens Service Station, Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (250).

7. Nhar il-15 ta' Gunju 2019 bejn is-02:30 ta' filghodu u l-04:00 ta' filghodu minn gewwa McQueens Service Station, Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar ikkometta serq ta' flus kontanti, liema ammont jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), liema serq huwa kkwalifikat bil-'valur', bil-'mezz' u bil-'hin', ghad-dannu ta' John Cassingena u/jew persuni ohra.

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara gewwa McQueens Service Station, Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (250).

9. Nhar id-19 ta' Gunju 2019 f'xi hin filghodu minn gewwa Sterling Service Station, fi Triq Testaferrata, Tax-Xbiex ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), liema serq huwa kkwalifikat bil-'mezz' u bil-'hin', ghad-dannu ta' Carmel Mifsud u/jew persuni ohra.

10. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara gewwa Sterling Service Station, fi Triq Testaferrata, Tax-Xbiex liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (250).

11. Nhar l-21 ta' Gunju 2019, ghall-habta tat-03:15 ta' filghodu minn gewwa JAV Service Station, Triq l-Imdina, Qormi, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun reat ta'serq liema ammont, ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) u kien ikun ikkwalifikat bil-'hin' u bil-'mezz', ghad-dannu ta' James Meli u/jew ta' xi persuna/i ohra.

12. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara gewwa JAV Service Station, Triq l-Imdina, Qormi liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin Euro (250).

13. Nhar il-21 ta' Gunju 2019 f'xi hin filghodu minn gewwa Sterling Service Station, fi Triq Testaferrata, Tax-Xbiex ikkometta serq ta' flus kontanti, liema serq ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), liema serq huwa kkwalifikat bil-'mezz' u bil-'hin', ghad-dannu ta' Carmel Mifsud u/jew persuni ohra.

14. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara gewwa Sterling Service Station, fi Triq Testaferrata, Tax-Xbiex liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) izda hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (250).

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huma kienu gew misjuba hatja u kkundannati ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrat fl-atti fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2019 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Joseph Brincat li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet lid-difiza titlob ghal *Pre Sentencing Report* liema talba intlaqghet fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2019.

Rat il-*Pre Sentencing Report* tal-Probation Officer Annabelle Bugeja li gie pprezentat fid-9 ta' Lulju 2020 fejn inghad:

***Konklużjonijiet***

- *Denis Cremona jinsab akkużat li bejn l-4 ta' Ġunju 2019 u l-21 ta' Ġunju 2019 wettaq erba' każijiet ta' serq minn pompi tal-petrol, żewġ każijiet ta' serq aggravat minn pompi tal-petrol kif ukoll li għamel*

*tentattiv sabiex iwettaq reat ta' serq minn pompa tal-petrol. L-imputat jinsab akkużat ukoll li wettaq ħsara mill-fondijiet kollha msemmija.*

- *Minn intervista li saret mal-Ispettur Jonathan Ransley jidher li Denis għandu storja kriminali twila u li din hija riżultat tal-problema tad-droga akuta li għandu. Jidher li dan il-vizzju ma jħallix lill-imputat jgħix ħajja stabbli barra fis-soċjetà u jirrikorri għall-kriminalità sabiex isostni dan l-istess vizzju. Għaldaqstant hu tal-opinjoni li Denis Cremona għandu jingħata piena ta' sentenza karċerarja effettiva.*

- *Ħarsa lejn il-Fedina Penali datata 2 ta' Lulju 2020, jidher li din hija waħda refrettarja. Dan ir-rekord kriminali jinkludi sensiela ta' każijiet kriminali rigward serq, droga u vjolenza. Fir-rigward ta' każijiet pendenti, l-imputat spjega li dan il-każ huwa riżultat tal-problema akuta tad-droga li wasslitu sabiex jirrikorri għas-serq sabiex isostni dan il-vizzju.*

- *Fir-rigward tal-vittmi tal-każ ojdern jidher li dawn qablu mal-fatt li r-reat odjern aktar jikkawża ħsara mill-ammont misruq. Irid jingħad ukoll li dawn is-sidien jisfgħu vittmi tal-istess tip ta' reat b'mod verament regolari. Għaldaqstant hija l-ħsara magħmula u l-proċeduri meħtieġa l-aktar li huma ta' inkonvenjent. Irid jingħad ukoll li l-ebda vittma ma wriet interess sabiex tippartеċipa fi proċess ta' medjazzjoni.*

- *Jidher li Denis Cremona ma kellux trobbija faċli hekk kif l-imsemmi qatta' ħafna mit-tfulija tiegħu jgħix ġewwa istitut. Dan minħabba li ommu u missieru infirdu meta kien għad kellu seba' snin u għaldaqstant omm Denis ma setgħetx iżżomm lil binha magħha. Jidher ukoll li ommu Carmen għadha toffri sapport lill-imsemmi iżda dan is-sapport hu wieħed ta' natura emozzjonali. Irid jingħad li l-imsemmi għandu żewġ ulied iżda sfortunatament tilef lil ibnu sentejn ilu b'inċident tal-mutur. Jidher li din it-telfa kompliet tkun ta' kontribut sabiex Denis ikompli bl-abbuż tad-droga. Fir-rigward ta' bintu, jidher li l-kuntatt magħha hu wieħed limitat.*

- *Rekords maħruġa mill-JobsPlus juru li Denis Cremona ħadem numru sostanzjali ta' xogħlijiet b'mod regolarrizzat bejn is-sena 1991 u s-sena 2000 sa meta mar jgħix l-Ingilterra. Skont dawn ir-rekords jidher li Denis reġa' beda jaħdem hekk kif reġa' lura Malta fis-sena 2009 liema impjieg dam disa' xhur. Eventwalment reġa' beda jaħdem fis-sena 2015 iżda l-aħħar impjieg li kellu ġie tterminat fis-sena 2016.*

- *Fl-aħħarnett irid jingħad li l-vizzju tad-droga huwa l-ikbar problema għall-imputat. Dan il-vizzju beda meta l-imputat kellu 23 sena u kompla jeskala sakemm wassal sabiex Denis jitlef kull sens ta' stabilità. Jidher li minkejja l-kuntatti li kellu mal-aġenziji kkonċernati, din il-problema baqgħet ma ġietx indirizzata b'riżultat li Denis ikompli bil-ħajja kriminoġenika.*

- ***Pjan ta' kura***

  *Hekk kif ġie indikat matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport irriżulta li l-problema prinċipali ta' Denis Cremona hija l-problema tad-droga. Dan minkejja li kien hemm numru ta' tentattivi fil-passat sabiex jindirizza dan il-vizzju akut. Fiċ-ċirkostanzi huwa importanti li l-imputat jindirizza l-problema tad-droga b'mod tassattiv f'ambjent ikkontrollat. Dan sabiex eventwalment ikun f'pożizzjoni li jadotta stil ta' ħajja stabbli u 'l bogħod mill-kriminalità.*

## KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA

Ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[1] dahlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena li jinkludi fost il-principji kardinali hemm l-effett Retributtivu Preventiv tal-piena:

[1]Appell numru 96/2019deciz Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

*L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali socjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-socjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-socjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-socjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-**aspett preventiv** għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura specjali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-socjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv specjali** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-socjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li*

*jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

**DECIDE:**

L-imputat qieghed jinsab hati tat-tieni, tar-raba', tas-siitt, tat-tmien, tal-ghaxar, tat-tnax u tal-erbatax -il akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda ghal finijiet ta' piena dawn qed jitqiesu li kienu mezz ghal fini tal-ewwel, tat-tielet, tal-hames, tas-seba', tad-disgha, tal-hdax u tat-tlettax -il akkuza u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa ben stradat fit-triq tal- kriminalita' u wehel piena ta' habs f'diversi okkazzjonijiet. Il-Qorti izda kkunsidrat ukoll li l-imputat kellu problemi ta' abbuz ta' droga, l-ammissjoni bikrija, li huwa riceddiv u dak li kien rimarkat fil-pre-sentencing report u ghalhekk ghalkemm ser tigi mposta piena karcerarja din ser tigi applikata fil-minimum taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u dan wara l-ammissjoni tieghu u konsegwentement wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(f), 278(3), 289, 325(b)(c),

17,(b)(f), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tal-hames, tas-sitt, tas-seba', tat-tmien, tad-disa', tal-ghaxar, tal-hdax, tat-tnax, tat-tlettax u tal-erbatax -il akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah **disgha u tletin (39) xahar prigunerija.**

Finalment il-Qorti tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

Margaret De Battista
Deputat Registratur